Il Poeta Modern tas-subkoxjent jinżel ifittex id-dinja moħbija interna li hemm ġo fina. U jinżel fid-dinja tal-"ħolm" mhux biex joħlom u jaħrab mir-realtà, iżda anzi biex, kif igħid Sigmund Freud f' **Interpretation of Dreams**, biex jafferma r-realtà tal-ħajja bis-saħħa ta' l-interpretazzjonijiet li jingħataw lid-dinja mistura u misterjuża tal-ħolm.

1. Jack J.Spector, **The Aesthetics of Freud**, Praeger Publishers, Inc., New York, 1972, p. 189.
2. Lionel Trilling, **Beyond Culture**, Ann Arbor, Michigan, 1960.
3. Norman D. Brown, **Life Against Death**, New York, 1955, London, 1959.
4. Oliver Friggieri, "Il-Poeti Moderni Maltin — Tradizzjoni, Żvantaġġ storiku u bidla mill-qiegħ", **Hyphen**, Vol. II, No.6, 1981.
5. Achille Mizzi, **L-Għar ta' l-Enimmi**, Lux Press, 1967.

*Nota:* Il-puntini fil-versi indikati m'humiex fit-test oriġinali iżda ħadu post kliem ieħor.

6. Oliver Friggieri, "Il contributo dei poeti alla trasformazione socio-politica di Malta", 1981 p. 69-82 (Estratto da Atti di Convegno Internazionale).
7. Peter Serracino Inglott, "Maltese Poetry 1960-1970", **Il-Poeżija**, October 1971, No.1, p. 3-11.
8. Ibid, p.5.

# LIL DUN KARM

Kull meta nżurek, kbir qassis qalbieni,
U nqis il-ġmiel u l-għerf ta' l-għanja tiegħek,
Nitkabbar li fit-triq ħabbejtek kmieni,
U Ktieb-id-Dawl dikment ħabbibni miegħek.

Għax inti leħħint l-imħabba, wens tal-ħajja,
Il-ġmiel tal-ward, tas-sħab, tal-baħar tagħna,
Id-diwi tal-widien, itenni l-ġrajja,
U t-twemmin ħieni bħal tat-tfal ferħana;

L-egħlieqi qodma ta' missierijietna
U d-drawwiet tagħhom, u l-insiġ waħdieni
Tal-gżira mxemxa, l-omm li wisq ħabbitna,
Li sawwar għal din l-art iż-Żmien għaddieni.

U ferrixt f'artna ilħna mnebbħa, għaslija,
Bi ħjut imdieħba, mingħajr star, Maltija.

**J. Zammit Tabona**